

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 493/2010

tas-7 ta' Ġunju 2010

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 234/2004 dwar ġerti miżuri restrittivi fir-rigward tal-Liberja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/129/PESK tal-1 ta' Marzu 2010 li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2008/109/PESK dwar miżuri restrittivi imposti kontra l-Liberja (¹),

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2004/137/PESK dwar miżuri ristrettivi kontra l-Liberja (²) pprevediet għall-implementazzjoni tal-miżuri mniżżlin fir-Riżoluzzjoni 1521 (2003) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, inkluża projbizzjoni fuq assistenza teknika relatata ma' attivitajiet militari. Hija pprevediet ukoll projbizzjoni fuq assistenza finanzjarja relatata ma' attivitajiet militari. Skont dik il-Pożizzjoni Komuni, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 234/2004 (³) jimponi projbizzjoni ġenerali fuq l-għoti ta' assistenza teknika, finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati ma' attivitajiet militari, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fi, jew għall-użu fil-Liberja.
- (2) Fit-12 ta' Frar 2008, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2008/109/PESK (⁴) li kkonfermat dawk il-miżuri, u kkonsolidathom ma' miżuri oħra rilevanti f'att legali wieħed.
- (3) Fis-17 ta' Diċembru 2009, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU adotta r-Riżoluzzjoni 1903 (2009) li emendat il-miżuri restrittivi tan-NU dwar armi u materjal relatati u l-għoti ta' assistenza, pariri u tħriġ relatati ma' attivitajiet militari billi ġie llimitat l-effett ta' dawk il-miżuri restrittivi għal entitajiet mhux governattivi u individwi li joperaw fit-territorju tal-Liberja. Skont dik ir-Riżoluzzjoni, il-Pożizzjoni Komuni 2008/109/PESK ġiet emendata permezz tad-Deċiżjoni 2010/129/PESK.
- (4) Għaldaqstant ir-Regolament (KE) Nru 234/2004 għandu jiġi emendat.

(5) Kull ipproċessar ta' data personali ta' persuni fiziċċi taħt dan ir-Regolament għandu jirrispetta r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-Istituzzjonijiet Komunitarji u korpi u dwar il-moviment liberu ta' data bħal din (⁵) u d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (⁶),

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 234/2004 huwa b'dan emendat kif ġej:

- (1) L-Artikolu 1 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 1

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom jaapplikaw id-definizzjoni jiet li ġejjin:

(a) ‘assistenza teknika’ tħisser kull appoġġ tekniku li jirrigwarda tiswiji, żvilupp, manifattura, assemblaġġ, ittestjar, manutenzjoni, jew kull servizz tekniku ieħor, u jista’ jieħu forom bħal istruzzjoni, parir, taħriġ, trasmissjoni ta’ għarfien dwar ix-xogħol jew snajja’ jew servizzi ta’ konsulenza. Assistenza teknika tħalli konsulenza tħalli konsulenza ta’ assistenza;

(b) Il-‘Kumitat tas-Sanzjonijiet’ ifisser il-‘Kumitat stabbilit mill-paragrafu 21 tar-Riżoluzzjoni 1521 (2003) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU.”.

- (2) L-Artikolu 2 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 2

Għandu jkun pprojbit:

(a) l-għoti ta’ assistenza teknika relatata ma’ attivitajiet militari, inkluż il-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta’ armi u materjal relatati ta’ kull tip, inklużi armi u munizzjon, vetturi u tagħmir militari, tagħmir paramilitari, u partijiet għal dawn imsemmija, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna mhux governattiva, entità jew korp fi, jew għall-użu fil-Liberja;

(¹) ĠU L 51, 2.3.2010, p. 23.

(²) ĠU L 40, 12.2.2004, p. 35.

(³) ĠU L 40, 12.2.2004, p. 1.

(⁴) ĠU L 38, 13.2.2008, p. 26.

(⁵) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

(⁶) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

- (b) l-għoti ta' finanzi jew assistenza finanzjarja relatati ma' attivitajiet militari, inklużi b'mod partikolari għotjiet, self u assigurazzjoni ta' kreditu fuq kwalunkwe bejgħ, fornitura, trasferiment jew esportazzjoni ta' armi u materjal relatat, jew għall-għoti ta' assistenza teknika relatata, direttament jew indirettament lil kull persuna mhux governattiva, entità jew korp fi, jew għall-użu fil-Liberja; jew
- (c) il-parteċipazzjoni, intenzjonal iew mhux intenzjonal, fattivitajiet li l-għan jew l-effett tagħhom ikun l-evilta ta' projbizzjonijiet imsemmija fil-punti (a) jew (b).".

(3) L-Artikolu 3 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 3

1. B'deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti, kif indikati fis-siti elettroniċi fl-Anness I, fl-Istat Membru fejn il-fornitur tas-servizz huwa stabbilit jistgħu jawtorizzaw l-għoti ta':

- (a) assistenza teknika intiża biss għall-appoġġ ta' jew l-użu mill-Missjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Liberja; jew
- (b) assistenza teknika relatata ma' tagħmir li mhux letali li hu intiż biss għal użu umanitarju jew protettiv, sakemm l-Istat Membru kkonċernat ikun innotifika bil-quddiem l-għoti ta' tali assistenza teknika lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet. Dawn in-notifikasi għandu jkun fihom l-informazzjoni kollha rilevanti, inkluż, fejn adatt, l-utent aħħari, id-data proposta tal-kunsinna u l-itinerarju tal-ġarr tal-merkanzija.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Ġunju 2010.

2. Deċiżjonijiet dwar talbiet għall-awtorizzazzjoni għandhom jittieħdu mill-awtoritajiet kompetenti skont il-każ, b'kont meħud tal-konsiderazzjoni jiet rilevanti kollha inkluż il-kriterji stabbiliti fil-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK tat-8 ta' Diċembru 2008 li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta' esportazzjoni jiet ta' teknoloġija u tagħmir militari (*). L-awtoritajiet kompetenti ser ikunu jeħtieġu salvagwardji kontra l-użu ħażin ta' awtorizzazzjoni jiet bħal dawn u, fejn adatt, għandhom jipprovvu għar-ripatriazzjoni tal-armi u l-materjal relatat.

3. L-ebda awtorizzazzjoni m'għandha tingħata għal attivitajiet li digħi saru.

(*). ĠU L 335, 13.12.2008, p. 99.”.

(4) L-Artikolu 4 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 4

Persuni fiziċċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li biħsiebhom jipprovd kwalunkwe assistenza relatata ma' attivitajiet militari lill-Gvern tal-Liberja, kif spċifikat fl-Artikolu 1, għandhom jinfurmaw bil-quddiem lill-awtoritā kompetenti, kif indikata fis-siti elettroniċi fl-Anness I, fl-Istat Membru fejn huma residenti jew lokati. Tali informazzjoni għandu jkun fiha l-informazzjoni kollha rilevanti, inkluż, fejn adatt, l-utent aħħari, id-data proposta tal-kunsinna u l-itinerarju tal-ġarr tal-merkanzija. L-Istat Membru kkonċernat għandu immeddatament malli jirċievi l-informazzjoni rilevanti jinnotifikasiha lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet.”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħu fl-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għall-Kunsill

Il-President

C. CORBACHO